MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 635/2004

Domestica Limited
vs
Carmelo Grech

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Leo Vassallo Cesareo ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Domestica Limited li bih espona:

Illi b’sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-6 ta’ Mejju, 1985 fil-kawza fl-ismijiet Leonard Vassallo Cesareo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Domestica Limited versus Carmelo Grech (Dok A), is-socjeta` rikorrenti kienet giet kanonizzata kreditrici tal-intimat (a) fis-somma ta’ Lm713.06,8 (bilanc ta’ somma akbar import ta’ hdax-il kambjala ta’ Lm70.89 il-wahda); (b) imghax legali mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data tal-pagament

effettiv u (c) fis-somma ta' Lm92.93,2 rapprezentanti l-ispejjez tal-imsemmija kawza (Dok B).

Illi sal-lum kien ghadu ma thallas xejn minn dan id-dejn.

Illi kienu ghaddew aktar minn hames snin mid-data meta s-socjeta` rikorrenti kienet setghet tezegwixxi l-imsemmija sentenza.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi fl-intier taghha l-isemmija sentenza moghtija fis-6 ta' Mejju 1985 sabiex b'hekk tissodisfa l-kreditu fuq indikat.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta' Carmelo Grech li biha espona:

Illi kien minnu u korrett li b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 1985 fil-kawza fl-ismijiet Leonard Vassallo Cesareo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Domestica Limited versus Carmelo Grech, is-socjeta' rikorrenti kienet giet kanonizzata kreditrici favur l-imsemmi konvenut Carmelo Grech fis-somom ta' flus hemm indikati;

Illi kien ukoll minnu li l-intimat Carmelo Grech illum kien ghadu ma hallas xejn minn dan id-dejn;

Illu kien ukoll korrett illi llum kienu ghaddew aktar minn hames snin mid-data meta s-socjeta` rikorrenti kienet setghet tesegwixxi l-imsemmija sentenza;

Illi madanakollu permezz ta' Rik756/99RCP fl-istess ismijiet Domestica Limited vs Carmelo Grech, din il-Qorti kienet wara li l-konvenut waqa' kontumaci u ma deherx ghar-rikors, laqghet it-talbiet attrici u fl-4 ta' April 2000 kienet diga awtorizzat li l-kawza msemmija llum fir-rikors tas-Socjeta` Domestica Limited u datata 6 ta' Mejju 1985, tigi ezegwita.

Illi sussegwentement din il-Qorti f'kawza ta' ritrattazzjoni li kienet saret mir-rikorrent odjern cit. nru: 972/2002 fl-

ismijiet Carmelo Grech vs Domestica Limited sabiex jattakka l-ewwel sentenza tas-6 ta’ Mejju 1985 u cioe` cit. Nru. 132/85 u rik. 756/99RCP, kienet laqghet it-talba ta’ Carmelo Grech fir-rigward ta’ rik 756/99RCP fuq il-bazi li ma kenitx saret notifika korretta; izda ma kenitx laqghet it-talba ta’ l-istess attur fil-konfront ta’ Cit. Nru. 132/85 peress li kienu ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza;

Illi n-notifika kemm f’kawza cit. nru. 972/2002 u rik 756/99RCP kienu identici u allura ladarba dik ta’ l-ahhar ma kenitx korretta kif iddecidiet din il-Qorti l-istess kellu jinghad ghall-kawza l-ohra u cioe` Cit. Nru. 972/2002;

Illi f’dan ir-rikors il-Qorti kienet qed tintalab li tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tezegwixxi sentenza tal-1985 li nqatghet kontra Carmelo Grech li joqghod 42, Zebra Street, B’Bugia. F’dak l-indirizz l-intimat qatt ma kien ghex kif kien accettat din il-Qorti fil-kawza cit. nru. 972/2002;

Illi ghalhekk l-intimat kien ikkontenda li r-rikors li din il-Qorti ghandha llum kien sar kontra persuna differenti minn dik ta’ cit. Nru. 132/85;

Ghaldaqstant l-intimat talab lil din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq premessi, tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti stante li ma kienx jista’ l-konvenut fil-kawza cit. nru. 132/85 u dak odjern mhux l-istess wiehed.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed <u>Leo Vassallo Cesareo</u> li qal li hu ***Chairman*** tad-ditta Domestica Limited. Sostna li huma qatt ma rcevew ebda pagamenti minghand xi hadd wara s-sentenza in kwistjoni u b’hekk ghadu dovut l-ammont intier. Qal li hu

stess kien innegozja mal-intimat Carmelo Grech. Ra lill-intimat u qal li wiccu mhux gdid pero` ghadda hafna zmien. Qal li l-indirizz kien tahulu l-intimat.

Xehed l-intimat Carmelo Grech li qal li n-numru tal-I.D. card tieghu huwa 93255. Qal li zmien ilu kien joqghod 42, Zebra Street, B'Bugia. Ikkonferma li kien xtara xi affarijiet minghand Domestica Limited xi zmien ilu. Il-firma li hemm fuq il-kambjala li giet esebita ***animo ritirandi*** tidher li hija tieghu, il-firma li hemm fuq il-gemb. Mistoqsi mill-Qorti jekk ghandux jaghti lill-attur qal li bhala stat ta' fatt veru kien ordna xi ghamara minghand is-socjeta` rikorrenti. Ftakar li tawh armarju pero` kellu erba' bibien kulur u zewg bibien kienu kulur iehor, u x-xhud qallu li mhux ser ihallsu qabel ma jirrangahom. Fil-fatt dawn qatt ma rrangawhomlu u x-xhud qatt ma hallsu. Sostna li sal-lum qatt ma rcieva minghand is-socjeta` rikorrenti biex ihallas, izda kkonferma li kienu saru xi proceduri ohra ta' kawza li kien istitwixxa hu stess.

Qal li issa joqghod fil-fond 42, Gzira Street, B'Bugia u telaq minn hemmhekk fl-1982. Hu kien jabita 14, St. Rita Street, B'Bugia. Sostna li qatt ma gie notifikat b'xi dokument f'dawn l-indirizzi. Ghamel xi zmien jabita Marsascala u wara fil-fond fejn joqghod illum u cioe` Flat 14, Block C, Qasam Bini tal-Gvern, B'Bugia. Hemmhekk gie notifikat bil-mandat. Qal li qabel qatt ma kien gie notifikat b'xejn f'dan l-indirizz il-gdid. Fl-1985 kien joqghod 14, St. Rita Street. Ma ftakarx meta qaleb l-***I.D. Card***.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalkemm il-konvenut ipprova jhawwad l-imhuh ma tantx jista' jirnexxilu. Hu stess ammetta fid-deposizzjoni tieghu li xi zmien ilu kien ordna xi ghamara minghand is-socjeta` rikorrenti, u zied li tawh armarju pero` kellu erba' bibien kulur u zewg bibien kienu kulur iehor, u li ma kienx ser ihallsu qabel ma jirrangahom. Fil-fatt dan qatt ma sar. Din kienet il-bazi vera ghaliex l-intimat ma hallasx u eccezzjoni ta' din in-natura f'din it-tip ta' azzjoni ma treggix. Jekk l-affarijiet kienu hekk l-intimat kellu proceduri ohra snin ilu li kien missu ha; izda ma jistax

jiehu din il-linja ta’ difiza fil-proceduri odjerni. L-intimat kellu wkoll mizuri applikabbli jekk xi notifika ma kenitx regolari kif qieghed isostni issa fuq kawza deciza hafna snin ilu.

Fil-kawza fl-ismijiet **Bonnici Vincent noe vs Cilia Paul et** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Kummercjali Superjuri fil-11 ta’ April, 1995 fejn il-kumpanija attrici f’dak il-kaz kienet giet kanonizzata, b'sentenza tal-Qorti, kreditrici tal-konvenuti, u lehqu ghaddew tliet snin, u l-kumpanija attrici ppropponiet din il-kawza biex tkun tista' terga takkwista titolu esekuttiv, inghad li f'azzjoni bhal din, bzonnjuza skond ma jiddetta l-artikolu 258 Kapitolu 12, ma jistghux jingiebu provi li setghu jigu prodotti fl-ewwel kawza ghaliex din l-azzjoni ma tistax isservi la bhala appell mill-ewwel sentenza u wisq anqas bhala ritrattazzjoni taghha. Dik l-ewwel sentenza hija ***res judicata*** li ghandha l-kwalifika ta' dik il-verita` guridika stabbilita ghad-data li fiha giet ippronunzjata s-sentenza. ***Res judicata pro veritate habetur.*** Kien intqal li huma ammissibbli provi sussegwenti ghal dik id-data u ebda prova bhal din ma giet prodotta mill-konvenuti.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk wara li cahdet l-eccezzjoni tal-intimat, il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti jezegwixxi fl-intier taghha l-isemmija sentenza moghtija fis-6 ta’ Mejju 1985 sabiex b’hekk tissodisfa l-kreditu fuq indikat.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------